**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Żammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**

**vs.**

**Jehiel Falzon**

Numru: 52/2021

Illum 02 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Jehiel Falzon** ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, iben Victor u Grace neé Żammit, imwieled fil-11 ta' Settembru 1993, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 425493(M) u residenti 141, Triq Biċċieni, Sqaq Nru 3, Żabbar akkużat talli:

1. fid-09 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' 19:40hrs ġewwa Triq Lia, Żabbar ikkommetta serq ta' oġġetti minn fuq il-persuna ta' Maria Assunta Micallef ta' sitta u sittin (66) sena li hija persuna

anzjana, liema serq huwa aggravat bil-mezz u l-ħin skond l-Artikoli 257D(1)(ċ), 261(b)(f), 263(b), 270, 278(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-10 ta' Jannar 2021 ghall-ħabta ta' 20:35hrs ġewwa Triq is-Santwarju, Żabbar ikkommetta serq minn ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HCB 463 ta' l-għamla Citroen għad-dannu ta' Joseph Fenech u/jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa skond Artikoli 261(b)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(ġ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli u cioé għamel ħsara fil-vettura Citroen bin-numru ta' registrazzjoni HCB 463 proprjeta' ta' Joseph Fenech u/jew persuni oħra, liema ħsara hija ta' mhux aktar minn mitejn u ħamsin ((€250.00) skond Artikolu 325(1)(ċ) ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja (Dok. "LŻ 1" – *a fol.* 8).

Rat li, meta sar l-eżami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tiegħu sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja (*a fol.* 7).

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat u dana fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali (Dok. "LŻ 3" – *a fol.* 10 *et seq.*) tal-imputat, in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tiegħu u kif ukoll il-fatt li l-imputat ser jitqies bħala li huwa reċidiv.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(h), 49, 50, 257D(1)(ċ), 261(b), 261(f), 261(ġ), 263(a), 263(b), 270, 271(ġ), 278(2), 278(3), 289 u 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Jehiel Falzon ħati tal-imputazzjonijiet kollħa miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannaħ għal perijodu ta' tletin (30) xahar priġunerija.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'kaz ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-hlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċhad tali talba *stante* li ma jirriżultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proċeduri.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, torbot lill-ħati Jehiel Falzon b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2000.00) għal żmien sena fil-konfront ta' Maria Assunta Micallef u Joseph Fenech, liema żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar li fih il-piena mogħtija lill-imputat tiġi skontata jew maħfura (Artikolu 383(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Finalment, il-Qorti tagħmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minħabba l-problema ta' droga li għandu l-imputat, l-istess imputat jingħata l-għajnuna kollha neċessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispiċċa programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Maġistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**